# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 176/2023 MH**

**Numru: 5**

**Seduta tal-lum it-Tnejn 10 ta' Lulju, 2023**

**Dr. Daniel Sultana u Dr. Sarah Sultana Grixti**

**vs**

**Cedric Bartolo f'ismu u in rapprezentanza tan-negozju bl-isem kummercjali CK Construction Supplies**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr Daniel Sultana (459888M) u Dr. Sarah Sultana Grixti (4889M) fejn ġie minnhom premess illi:-**

*"1. Illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' sbatax -il elf tlett mija u erbghin Ewro (€17,340.00) rapprezentanti hlasijiet li huma ghamlu bhala depozitu fuq ordni ta' aperturi minghand in-negozju li jiggestixxi l-istess*

*konvenut CK Construction Supplies (ordni hawn indikata fid-dokument aness u mmarkat* ***Dok DS1****), liema ordni qatt ma giet ezegwita mill-konvenut;*

2. *Illi l-atturi ghamlu tlett pagamenti fl-ammonti ta' hamest elef Ewro (€5,000), tlett elef tlett mija u erbghin Ewro (€3,340) u pagament iehor ta' disat elef Ewro (€9,000) hekk kif indikati u kkonfermati mill-istess konvenut fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati* ***Dok DS2 u DS3****);*

3. *Illi minkejja diversi tentatativi ta' kommunika sabiex isiru ix-xogholijiet rikjesti u ordnati mill-atturi dan baqa inadempjenti u ghalhekk huma qeghdin jitolbu rifuzjoni tal-ammont imhallas minnhom;*

4. *Illi ghalkemm l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, anke permezz ta' ittra ufficjali datat s-sebgha (7) ta' Dicembru elfejn u ghoxrin (2022) bin-numru 5171/2022, huwa baqa inadempjenti (hawn annessa u mmarkat* ***Dok DS4****);*

5. *Ill sabiex jikkonfermaw dawn il-fatti l-atturi qeghdin jipprezentaw l-affidavits taghhom kontestwalment ma' dan ir-rikors (hawn annessi u mmarkati* ***Dok DS5 U Dok DS6****);*

6. *Illi l-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jissoleva f'din il-kawza;*

7. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex dina l-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;*

*Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenut ghandu jigu kkundannat ihallas s-somma ta' sbatax -il elf tlett mija u erbghin Ewro (€17,340.00) kif fuq indikata u billi jirrikorru l-elementi mehtiega mil-ligi, din il-kawza ghandha tinstema' u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;*

*Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:*

1. *Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur l-Artikolu 167 et seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sbatax -il elf tlett mija u erbghin Ewro (€17,340.00) rapprezentanti hlasijiet li huma ghamlu bhala depozitu fuq ordni ta' aperturi minghand in-negozju li jiggestixxi l-istess konvenut CK Construction liema ordni qatt ma giet ezegwita mill-konvenut;*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni."*

Rat id-diġriet tagħha datat 27 ta' Frar, 2023[1]

[1] Folio 16

Rat li l-konvenut pro et noe ġie debitament notifikat bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni ai terminu ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat, u dan anke wara d-debita riċerka mis-sistema digitali tal-Qorti, li l-konvenuti pro et noe ma ntavolaw ebda nota ai terminu ta' l-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat li imsejjaħ il-konvenut pro et. noe ma deherx għas-seduta tal-lum.[3]

Rat l-atti kollha tal-kawża, in partikolari d-dokumenti esebiti mill-atturi.

**Konsegwentement l-Qorti għaddiet biex taqta u tiddeċiedi l-kawża billi:_**

**1 Tilqa' l-ewwel talba ai terminu ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 et. seq. tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2 Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u erbgħin Ewro (€17,340.00) rappreżentanti ħlasijiet li huma għamlu bhala depositu fuq ordni ta' aperturi mingħand in-negożju li jiggestixxi l-istess konvenut CK Construction liema ordni qatt ma ġiet eżegwita mill-konvenut;**

[2] Folio 47
[3] Ibid.

**Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.**

**Onor Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Dep.Reg.**
**Rita Falzon**